# IL-BIBBJA
# U
# GRADI TA'
# KASTIG
# U
# TA' PREMJU

Minn
George Ebejer

# HEMM GRADI TA’ KASTIG U TA’ PREMJU WARA L-MEWT FIS-SMEWWIET U FL-INFERN?

**Mistoqsija:**

Ikun hemm gradi ta’ premju fis-Smewwiet (fil-Ġenna)? Ukoll, ikun hemm gradi ta’ kastig fl-Infern?

**Tweġiba:**

Kull suġġett li għandu x’jaqsam għan-natura speċifika ta’ l-abitazzjoni finali u eterna tal-bniedem għandu jkun interess kbir għan-nies responsabbli kollha, billi kull bniedem eventwalment, kemm jekk dan jemmen u kemm jekk ma jemminx, se jmur fl-eternità. Li persuna tgħid li hija ma temminx fl-infern b’daqshekk l-infern xorta se jibqa’ hemm! Li persuna tgħid li ma temminx li wara l-mewt hemm ħajja oħra, jew ħajja ta’ tgawdija eterna jew ħajja ta’ tbatija eterna, b’daqshekk mhu se jinbidel xejn! Din hija l-istess ħaġa bħal meta wieħed jgħid li hu ma jemminx li hemm pjaneti oħra fl-ispazju, b’daqshekk mhu se jinbidel xejn, il-pjaneti hemm qegħdin.

Mhuwiex ta’ sorpriża, mela, li mistoqsijiet dwar kif ikunu l-kondizzjonijiet fil-ħajja ta’ wara din il-ħajja fuq l-art spiss jokkupaw il-ħsibijiet tagħna. Kull meta mistoqsijiet ta’ interess spiritwali jkunu inkonsiderazzjoni—kif huma meta niddiskutu d-destin tar-ruħ—l-uniku sors ta’ informazzjoni li wieħed jista’ joqgħod fuqu għandu b’neċessità jkun il-Wieħed li Hu l-Oriġinatur u s-Sostenitur tar-ruħ. Alla, bħala Ħallieq tal-ħwejjeġ spiritwali u materjali (fiżiċi) kollha (Ġenesi 1; Eżodu 20:11), u Hu Nnifsu Essri Spiritwali

(Ġwanni 4:24), Hu n-nixxiegħa finali tar-ruħ (Ekkleżjażti 12:7). Il-Bibbja, mela, bħala l-Kelma ispirata ta' Alla (2 Timotju 3:16-17; 2 Pietru 1:20-21), għandha tkun l-awtorità preeminenti fuq dan is-suġġett. Huwa, għalhekk, li aħna għandna nduru għall-Kitba Mqaddsa biex inwieġbu l-mistoqsija dwar l-eternità.

## GRADI TA' PREMJU ETERN

L-ewwel, huwa importanti li wieħed jinnota li *kull* segwaċi fidil ta' Alla eventwalment sejjer jirċievi *premju etern*. Fil-Ktieb ta' Rivelazzjoni Ġwanni jiddeskrivi f'lingwa ta' l-għaġeb id-destin tal-ġusti meta din id-dinja fl-aħħar tiġi fit-tmiem tagħha. Hu jghid hekk,

> "*…Ara, l-għamara ta' Alla hi mal-bnedmin, u hu jgħammar magħhom, u jkun Alla tagħhom…Min jirbaħ jiret dawk il-ħwejjeġ; u jien inkun Alla tiegħu, u hu jkun ibni*" (Rivelazzjoni 21: 3, 7).

Aktar qabel, Ġwanni ħeġġeġ lill-qarrejja tiegħu b'dan il-kliem:

> "*…kun fidil sal-mewt, u nagħtik il-kuruna tal-ħajja*" (Rivelazzjoni 2:10).

Is-sieħeb fix-xogħol ta' Ġwanni, l-appostlu Pawlu, irrefera għal dawk li qdew lil Ġesù b'fedeltà bħala:

> "*werrieta skond it-tama tal-ħajja ta' dejjem*" (Titu 3:7).

Il-kittieb ta' l-Ittra lil-Lhud tkellem f'kapitlu 5:9 dwar Kristu bħala li sar:

> "*…il-kawża tas-salvazzjoni ta' dejjem għal dawk kollha li jobduh.*"

It-tieni, huwa ndaqs importanti li kull Kristjan ikun ippremjat "skond l-egħmejjel tiegħu." Mattew kiteb:

> "*Għax Bin il-bniedem jiġi fil-glorja ta' Missieru ma' l-anġli tiegħu; u mbagħad irodd lil kull bniedem skond l-egħmejjel tiegħu*"(Mattew 16:27).

L-appostlu Pawlu uża prattikament l-istess kliem:

> "*Imma bl-ebusija ta' rasek u qalbek bla ndiema int taħżen fik innifsek il-għa-dab għall-jum il-għadab, meta jidher il-ħaqq ġust ta' Alla; li jrodd lil kull bniedem skond għamilu.*" (Rumani 2:5-7. Ara wkoll 2 Korintin 5:10.)

Konċett bħal dan kien mgħallem fiż-żminijiet tat-Testment il-Qadim ukoll. Salamun kiteb,

> "*Jekk intom tgħidu, 'Aħna dan ma konniex nafuh,' dak li jwieżen il-qalb ma jikkunsidrahx dan? U dak li jżomm ir-ruħ tiegħek, ma jafux dan? U ma jħallas hu lil kull bniedem skond l-għemil tiegħu?*" (Proverbji 24:12).

Parabboli minn fomm il-Mulej ukoll juru bl-istess mod li kull persuna tkun iġġudikata skond l-opri tagħha. Il-prabbola ta' l-imniet li naqraw dwarha f'Luqa 19:11-27, hija eżempju perfett. Ġesù qal hekk,

*"U huma u jisimgħu dawn il-ħwejjeġ, żied igħidilhom parabbola, għax kien joqrob lejn Ġerusalem, u għax kienu jaħsbu li s-saltna ta' Alla kienet sa tidher dalwaqt. Mela qal: Wieħed raġel nobbli mar f'art bgħida biex jieħu għalih saltna, u jarġa' lura. U sejjaħ il-għaxar qaddejja tiegħu, u tahom għaxar miniet, u qalilhom: Ħaddmuhom sakemm niġi. Iżda n-nies ta' pajjiżu, kienu jobogħduh, u bagħtulu warajh delegazzjoni tgħidlu: Ma rridux li dar-raġel isaltan fuqna. U ġara, meta raġa' lura, wara li kien ħa s-saltna illi ordna li jsejħu lil dawk il-qaddejja għandu, li kien tahom il-flus, biex ikun jaf kemm kull wieħed qala' billi ħaddimhom. Imbagħad ġie l-ewwel wieħed, u qal: Ja sidi, il-mina tiegħek għamlet għaxar miniet. U qallu: Offi għalik, ja qaddej tajjeb: għax kont fidil fi ftit wisq, Ħu ħakma fuq għaxart ibliet. U ġie t-tieni wieħed igħid: Il-mina tiegħek, ja sidi, għamlet ħames miniet. U lil dan qallu l-istess: U int ukoll aħkem fuq ħamest ibliet. Ġie ieħor, u qal: Ja sidi, ara hawn hi l-mina tiegħek, li żammejt me-rfugħa f'maktur: Għax bżajt minnek, għax int bniedem imqit: tieħu dak li ma qegħidtx, u taħsad dak li ma żrajtx: U*

*qallu: Minn kliem fommok stess nagħmel ħaqq minnek, ja qaddej ħażin. Kont taf li jien bniedem imqit, nieħu dak li ma qegħidtx, u naħsad dak li ma żrajtx; Għaliex ma qegħidx flusi l-bank, biex meta niġi kont niġbidhom bl-imgħax? U qal lil dawk li kienu madwar: Ħudulu l-mina u agħtuha lil dak li għandu għaxra. (U qalulu: Ja Sid, dan għandu għaxar miniet). Għax ngħidilkom: Li lil kull min għandu jingħatalu; u mingħand min m'għandux, jeħdulu dak ukoll li għandu. Iżda dawk l-egħdewwa tiegħi, li ma ridux li nsaltan fuqhom, ġibuhom hawn, u oqtluhom quddiemi.*"

Wara li wieħed ikun qara din il-parabbola (u wkoll il-parabbola tat-talent f'Mattew 25:14-30), ikun jidher ċar li ċerti ndividwi jirċievu—u għalhekk huma responsabbli għal—aktar imniet/talenti minn xi oħrajn. Il-qaddej fidil li nvesta għaxar imniet fis-sod kien ippremjat awtorità fuq għaxart ibliet. It-tieni qaddej ukoll irrikompensat fi proporzjon għall-grad li bih hu wettaq ir-responsabbiltà tiegħu lejn is-Sid. Huwa nvesta bil-għaqal ħamest imniet, u kien mogħti lura awtorità fuq ħamest ibliet. Ma hemm ebda raġuni li ma temminx, mela, illi li kieku t-tielet qaddej kien fidil daqs l-oħrajn, huwa wkoll, kien ikun ippremjat skond l-investiment tiegħu (li kif jidher kien ikun awtorità fuq belt waħda). Din il-parabbola, mela tgħallem dan li ġej: (1) il-qaddejja kollha ta' Alla

huma mbier-ka b'abbiltajiet varjabbli; (2) dawk kollha li huma qaddejja fidili dwar l-abbiltà li huma kienu mżejna biha għandhom jiksbu premju u (3) il-qaddejja ta' Alla jkunu ppremjati bbażat fuq dak li huma jkunu kisbu bl-abbiltajiet li kienu fdati lilhom. [Dan, naturalment, mhuwiex li tgħid li l-Ġenna (Smewwiet) wieħed "jik-sibha" b'xi opra tal-bniedem. Efesin 2:8-9 jgħidilna,

> "*Għax bil-grazzja intom salvati, per-mezz tal-fidi; u dan mhux minkom infuskom: damn hu don ta' Alla. Mhux bl-opri, biex ħadd ma jiftaħar.*"

Is-salvazzjoni hija don ħieles ta' Alla, mhux xi ħaġa mogħtija minħabba xi mertu tal-bniedem. Pjuttost, l-opri magħmula hawn u issa jipprovdu lill-Kristjan piż etern ta' glorja—piż li huwa differenti minn persuna għall-persuna. L-appostlu Pawlu jgħid hekk:

> "*Għax it-taħbit żgħir tagħna, li hu għal ħin wieħed. Ihejjilna b'kobor bla qjies tagħbija ta' glorja eterna*" (2 Korintin 4:17).

Jekk emmiena għandhom ikunu iġġustifikati skond l-egħmejjel jew l-opri tagħhom (Mattew 16:17; 25:31-46; Rivelazzjoni 20:12), allura jiġri li dawk *bl-akbar responsabbiltà* jistgħu jistennew *ħaqq aktar iebes*. Tassew, il-Bibbja tgħallem eżattament prinċipju bħal dan. Alla qal lill-profeta Eżekjel f'kapitlu 3:17-21:

> "*O bin il-bniedem, għassies għamiltek għal dar Iżrael: għalhekk isma' kelmet fommi, u wissihom għalija. Meta tgħid*

*lill-ħażin: Ċert li tmut; u int ma twissiħx, u lanqas titkellem biex twissi l-ħażin mit-triq il-ħażina tiegħu, biex issalvalu ħajtu; hu, il-ħażin, imut fil-ħażen tiegħu; iżda kont demmu minn idejk nitolbu. Iżda, jekk int twissi l-ħażin, u hu ma jarġax lura minn ħżunitu, u lanqas mit-triq il-ħażina tiegħu, hu jmut fi ħżunitu; iżda int teħles ruħek. U meta wieħed ġust iwarrab mis-sewwa tiegħu, u jagħmel id-deni, u jien inqiegħed tfixkil quddiemu, hu jmut: għaliex int ma tkunx wissejtu, hu jmut fi dnubu, u s-sewwa li jkun għamel ma jitfakkarx; iżda kont demmu nitolbu minn idek. Madankollu, jekk int twissi lill-ġust, li l-ġust ma jidnibx, u hu ma jidnibx, hu żgur li jibqa' ħaj, għax hu kien imwissi; u int tkun ħlist lil ruħek.*"

X'responsabbiltà tal-biża' u kbira kienet mogħtija lil dak il-profeta ta' l-antik. Mijiet ta' snin wara, Ġakbu offra t-twissija tiegħu,

> "*Ħuti, la tkunux ħafna mgħallmin, meta tafu li aħna jkollna* ***kundanna akbar***" (Ġakbu 3:1).

Dawk li jissuġġerixxu li Alla se jippremja lil kull Kristjan *indaqs* spiss jappellaw għall-parabbola li Kristu ppreżenta f'Mattew 20:1-15 bħala appoġġ għall-pożizzjoni tagħhom. Hemm, il-Mulej tkellem dwar ċertu sid ta' l-art li kellu bżonn ta' ħaddiema

biex jgħinuh fl-għaqa tad-dwieli tiegħu. Ir-raġel mar fil-post tas-suq biex isib il-ħaddiema ħalli jgħinuh fil-għalqa tad-dwieli tiegħu. Ir-raġel mar fil-post tas-suq biex isib il-ħaddiema u, meta qabbad lil xi wħud, qabel li jħallashom dinar kull wieħed. Madwar it-tielet siegħa, hu reġa' mar fis-suq ħalli jfittex aktar ħaddiema. Hu reġa' ħareġ darbtejn oħra u mbagħad, fil-ħdax-il siegħa, hu sab aktar nies biex jgħinu fix-xogħol. Dan l-aħħar grupp ħadem biss siegħa waħda, u madankollu meta wasal it-tmiem tal-jum u n-nies kollha marru biex jitħallsu, dawk il-ħaddiema tal-"ħdax-il siegħa" rċevew il-ħlas tagħhom l-ewwel—dinar sħiħ. Il-bqija tan-nies kienu mogħtija l-istess ħlas. Meta s-sid fl-aħħar wasal għand il-ħaddiema li kien kera fil-bidu ta' dak il-jum, hu tahom l-istess ammont li kien ta lil l-oħrajn kollha. Dawk il-ħaddiema ta' "l-ewwel siegħa" kienu nkurlati! L-idea nfisha li huma li kienu mikrija l-ewwel, li ħadmu l-aktar siegħat—għandom jirċievu l-istess rikompens bħal dawk li ħadmu biss siegħa waħda kienet aktar milli huma kienu jistgħu jimmaġinaw. It-test f'Mattew 20:1-15 jgħid li "huma gergru kontra s-sid id-dar" (v. 11). Imma r-raġel li kien kriehom sempliċiment wieġeb:

> "*Ħabib, jien miniex nonqsok: mhux b'dinar ftehimt miegħi? Ħu dak li hu tiegħek u mur. Irrid nagħti lil dan ta' l-aħħar daqshekk ukoll. Ma nistax nagħmel li rrid bi ħwejġi?*" (versi 13-15).

Dawk li jgħallmu li Alla sejjer jippremja lil kull wieħed mis-segwaċi fidili Tiegħu ndaqs jissuġġerixxu

lid-dinar f'din il-parabbola jirrappreżenta l-ħajja eterna, u billi kull ħaddiem irċieva dinar, l-implikazzjoni hija li ma jista' jkun hemm ebda "gradi" ta' premju. Dan, iżda, ma jistax ikun dakli l-parabbola qed tgħallem. Fil-kummentarju tiegħu fuq il-ktieb ta' Mattew, l-iskular magħruf bibliku R.C.H. Lenski spjega għaliex:

> Dawk li jaħsbu lid-dinar huwa l-ħajja ta' dejjem, naturalment, iqisu l-filgħaxija bħala l-ġudizzju finali jew is-siegħa tal-mewt. Ukoll f'dan il-vers dan ma jistax ikun is-sens, għaliex il-ħajja eterna qatt ma wieħed jista' *jaqlaha* b'xi xogħol ta' xi bniedem. Il-ħajja eterna qatt ma hija *obligu* lejn xi ħadd la fil-waqt ta' l-ewwel għotja fil-konverżjoni lanqas fil-waqt tat-tgawdija sħiħa tagħha meta l-emmieni jidħol fis-Smewwiet (1943, pp. 772-773, enfasi miżjuda).

*Kieku* din il-parabbola kienet qed titkellem dwar il-ġudizzju finali, din tabilħaqq kienet tipprovdi argument sod għal l-egwalità tal-premju. Le, din mhijiex. F'Mattew 20:11 it-test jindika ċar li dawk li ħadmu l-ġurnata kollha "gergru kontra s-sid." Rigward dawk li għamlu hekk, H. Leo Boles ikkummenta li "huma kienu għajjura; għajnejhom kienu ħżiena" (1952, p. 400). Imma l-Iskrittura tagħmilha ċara li fis-Smewwiet (fil-Ġenna) ma jkun hemm ebda għira (Rivelazzjoni 21:27). Lenski osserva b'mod korrett:

"Hawn, għandu jkun, il-possibbiltà ta' li tagħmel id-dinar egwali għall-ħajja eterna hija mneħħija. Il-ħsieb li xi qaddis fis-Smewwiet jista' jgerger kontra Alla huwa li jġen-nen lil dak li jkun (p. 775).

B'żieda, is-Sid ta' l-għalqa tad-dwieli ordna lill-ħaddiema li ħadmu fl-għalqa l-jum kollu: "Ħudu dak li hu tagħkom u *morru fi triqtkom*" (v. 14, enfasi tiegħi). Lenski juri din il-frażi "Ħudu tagħkom u *itilqu*," u mbagħad josserva:

> Dan is-sid spiċċa miegħu. U dan huwa l-quċċata tal-parabbola (itilqu) ma jistax ifisser, "Itilqu u kunu kuntenti bil-ħlas tagħkom!" Dan huwa eżattament bħal l-imperattiv li jinsab f'4:10, u dejjem ifisser li titlaq, 8:13; 19:21…Dan hu raġel li jaħdem fil-knisja għal dak ihu jista' jieħu mill-knisja. Hu għandu dak li huwa ħadem għalih—u xejn aktar. Dan hu ttrattat eżattament bħal l-ipokriti li huma msemmija f'kapitlu 6: 2, 5: "Tassew, ngħidilkom, huma ħadu l-premju tagħhom!" jiġifieri, huma mħallsa għal kollox….Dawk li ma jitgħallmu xejn dwar il-grazzja divina wkoll waqt li jkunu qegħdin jaħdmu fil-knisja fl-aħħar ikunu mħollija mingħajr din il-grazzja; dawk li qegħdin fuq il-ġustizzja u jirrifjutaw li jmorru aktar 'il quddiem minnha fl-aħħar ikollhom il-ġustizzja (p 777).

Jekk aħna ninterpretaw il-parabbola bħala li tfisser lis-sid ta' l-għalqa tad-dwieli jirrappreżenta lil Alla, u d-dinar jirrappreżenta l-premju ta' dejjem, kif, mela, aħna għandna ninterpretaw il-fatt li dawkli ħadmu l-jum kollu rċevew dinar, imma kienu *mibgħuta l-barra mis-sid* ta' l-għalqa tad-dwieli? Tista' veduta bħal din tkun taqbel mal-kliem ta' Pawlu fl-Ewwel Tessalonikin 4:17, "*U hekk inkunu* ***dejjem*** *mal-Mulej*"?

Jekk din il-parabbola mhix qed tiddiskuti l-ġudizzju finali (u mhijiex), u jekk id-dinar ma jirrappreżentax il-ħajja eterna (u dan ma jirrappreżentahiex), x'inhu, mela, l-punt tal-parabbola? Jidher li Kristu kien qiegħed jagħti struzzjonijiet lis-semmiegħa Lhud Tiegħu dwar il-post tal-Ġentili fis-Saltna—suġġett kif aħna nitgħallmu minn kitba aktar wara tat-Testment il-Ġdid, sar b'xi mod kontroversjali. Jintqal minn Guy N. Woods dwar id-diskussjoni ta' Kristu:

> Huwa possibbli, tabilħaqq probbabli, fl-imħuħ ta' ħafna skulari li din kienet mogħtija biex turi li l-Ġentili li ġew (daħlu) "fil-ħadx-il siegħa," igawdu fis-saltana (li dlonk kienet se tkun imwaqqfa meta dan il-kliem intqal) l-istess privileġġi bħal Lhud li li kienu l-poplu favorit u mgħażul ta' Alla għal ħafna sekli. Għalkemm l-aħħar fil-punt ta' stedina, huma kellhom isiru l-ewwel permezz ta' l-aċċettar tagħhom ta', u d-dedikazzjoni għal, l-Evanġelju, waqt, li l-Lhud, minħabba r-ribelljoni u n-nuqqas ta' twqemin tagħhom, ikunu

> maqtugħin (1976, p. 231, kumment fil-prentesi fl-oriġinal).

Kummentaturi numerużi bibliċi konservattivi ssuġġerew eżattament veduta bħal din, inkluż Adam Clarke (n.d. 5:194-197) u H. Leo Boles (1952, pp. 400-401). Kittieb wieħed bl-isem ta' Watts jgħid hekk dwar dan:

> Mhuwiex it-tifsil ta' din il-parabbola biex tippreżenta l-premjijiet finali tal-qaddisin fil-jum tal-ħaqq, imma biex turi lin-nazzjon tal-Lhud, li kienu msejħa biex ikunu l-poplu ta' Alla 'l fuq minn elf sena qabel, u kellhom it-tagħbija tas-sħana tal-jum, jiġifieri, ix-xogħol u l-jasar ta' ħafna ċerimonji, ma jkollhom ebda preferenza fl-istima ta' Alla fuq il-Ġentili, li kienu msejħa fl-aħħar siegħa, jew fit-tmiem ta' l-epoka Lhudija (kif ikkwotat f'Woods, 1980, 122:532).

Waqt li l-parabbola tal-ħaddiema stabbilixxiet li dawk kollha li jixirqilhom (Lhud jew Ġentili) sejrin jirtu premju, din enfasizzat ukoll il-grazzja ta' Alla. Kif irrimarka Lenski:

> It-twissija irrappreżentata f'din il-parabbola tissuġġerixxi r-responsabbiltà tagħna. Jekk aħna ngħalqu għajnejna u qalbna kontra l-grazzja, ma jimpurtax kemm aħna nkunu f'pożizzjoni għolja fil-knisja jew kemm naħdmu aħna,

> aħna nitilfu l-ħajja ta' dejjem (1943, p. 781).

Imma xi ngħidu dwar id-dinar? X'jirrappreżenta dan, jekk mhux il-ħajja eterna? Lenski kkonkluda—b'mod korrett, jiena nemmen—lid-dinar jirrappreżenta l-barkiet li wieħed jirċievi hawn fuq l-Art billi jkun membru tal-knisja tal-Mulej.

> Id-dinar imħallas filgħaxija jikkostitwi-xxi il-barkiet temporali li għandhom x'jaqsmu mal-professjoni u x-xoghol Kristjan tagħna, u dawn il-barkiet hu-ma magħmula tagħna diġa' matul iż-żmien kollu li fih aħna naħdmu. Kull wieħed minna jieħu d-dinar tiegħu; kull wieħed igawdi l-istess benefiċċji temp-orali li għandhom x'jaqsmu ma' din il-ħajja fil-knisja. Huma jiġu għal dak li jkun ikkonverta ġdid eżattament kif hu-ma jagħmlu għal min ikun antik, għand il-predikatur kif ukoll għall-[membru], għat-tifel kif ukoll għal l-ottaġenarju (p. 772).

## RAĠUNIJIET GĦALL-PREMJIJIET MHUX INDAQS

Inkomplu nsaħħu t-twemmin tagħna għal l-idea li l-parabbola ta' Ġesù f'Mattew 20 mhix qed tiddiskuti egwalità ta' premjijiet eterni huwa l-fatt li l-Bibbja turi biċ-ċar ċerti nies ikunu ppremjati pożizzjoni unika

u distinta fis-smewwiet. Rivelazzjoni 15:3 jinnota li fis-Smewwiet:

> "*huma għannew l-għanja ta' Mosè l-qaddej ta' Alla, u l-għanja tal-Ħaruf.*"

Żgur li ħadd minna ma jkun tant tost li jissuġġerixxi li l-eżerċtu tas-smewwiet ikanta għanja **dwarna** kif huma kantaw dwar Mosè. Barra minn dan, f'Rivelazzjoni 21:14 Ġwanni kiteb li:

> "*l-ħajt tal-belt kellu tnax-il pedament, li fuqhom hemm it-tnax-il isem tat-tnax-il appostlu tal-Ħaruf.*"

Waqt li aħna nagħrfu n-natura b'xi mod figurattiva ta' ċerti t-termini wżati minn Ġwanni, il-prinċipju iżda jibqa' l-istess: l-appostli fl-aħħar jokkupaw post ta' preeminenza akbar fis-Smewwiet. Ukoll, Luqa 16 juri lil Abraham bħala li għandu aktar prominenza u awtorità fil-ħajja ta' wara minn Lażżru. Ikkonsidra wkoll Mark 10:40, fejn Ġakbu u Ġwanni talbu lill-Mulej biex iħallihom ipoġġu qrib tiegħu fil-glorja Tiegħu—wieħed fuq il-lemin Tiegħu u l-ieħor fuq ix-xellug Tiegħu. Ġesù wieġeb:

> "*Iżda biex toqgħodu fuq idi l-lemenija u fuq idi x-xellugija mhux għalija li nagħti; iżda jingħata lil dawk li għalihom ġie mhejji.*"

Xi kreaturi gglorifikati (kemm jekk anġeliċi jew umani) sejrin jokkuppaw post ta' distinzjoni maġenb is-Salvatur—post uniku u speċjali rriservat biss għalihom.

Xi wħud argumentaw kontra l-idea ta' premjijiet differenti billi jistqarru lis-smewwiet (il-ġenna) tkun perfetta, u li xi ħaġa perfetta ma tista' la tkun imtejba u lanqas imnaqqsa. Iżda, Ġesù osserva li:

> "*hekk ikun hemm fis-sema ferħ għal midneb wieħed li jindem,* ***aktar*** *[ferħ] milli għal disgħa u disgħin bniedem ġust, li m'għandhomx bżonn ta' ndiema*" (Luqa 15:7; enfasi tiegħi).

Għallanqas f'xi sens, mela, il-ferħ fis-sema jista' jkun differenti fil-gradi. Il-prinċipju ta' gradi ta' premjijiet tas-smewwiet—li huwa mgħallem ċar mhux ħażin fl-Iskrittura—għandu jimmotiva lil kull Kristjan biex jaħdem "sakemm għadu bin-nhar, għax jasal il-lejl meta ħadd ma jkunjista' jaħdem" (Ġwanni 9:4).

## GRADI TA' KASTIG ETERN

Imma jekk hemm gradi ta' premju fis-Smewwiet, ikun hemm ukoll gradi ta' kastig fl-infern? Iva, tabil-ħaqq. F'bosta okkażjonijiet, meta titkellem dwar tur-ment etern, il-Bibbja ssemmi lil dawk li jbatu għall-grad inqas jew akbar. U kull darba li riferenza bħal din tiġri, il-kastig huwa proprozjonat għall-opportuni-tajiet mitlufa. Dawk li huma mbierka b'ħafna opportu-nitajiet biex jobdu l-Evanġelju u xorta jirriġettawh jirċievu akbar kundanna minn dawk li għandhom ftit jew ebda okkażjoni biex jaċċettaw lil Kristu. Ġesù wera dan is-sentiment fiċ-ċanfir Tiegħu lil l-abitanti ta' l-ibliet ta' Betdsajda u Korożajn. Isma' qalilhom il-Mulej:

> “*Ħażin għalik, Korożajn! ħażin għalik, Betsajda! Għax kieku l-mirakli li saru fikom saru f’Tir u Sidon, kienu ilhom li wrew indiema bl-ilbies ta’ l-ixkejjer u l-irmied. Iżda ngħidilkom li jum il-ħaqq* ***se jkun eħfef*** *għal Tir u Sidon milli għalikom. U int, Kafarnahum, taħseb li se titgħolla sas-sema? Sal-qiegħ nett għad tinxeħet! Għax kieku l-mirakli li saru fik saru f’Sodoma, kieku għadha wieqfa sallum. Imma ngħidil-kom li jum il-ħaqq* ***se jkun eħfef*** *għal l-art ta’ Sodoma milli għalik*” (Mattew 11:21-24; enfasi tiegħi).

Ġesù offra din it-tmaqdira lil dawk l-ilbiet Lhud fejn Hu kien għamel ħafna mill-predikar Tiegħu, u fejn, f’okkażjoni, Hu saħansitra wettaq mirakli. Iċ-ċittadini ta’ dawk l-ibliet kellhom aktar opportunità biex jaċċet-taw lill-Messija milli ħafna oħrajn li kienu jgħixu ma-dwarhom, madankollu, huma ppersistew fir-riġezzjoni tagħhom tal-Messija. Fuq in-naħa l-oħra, il-bliet Ġen-tili ta’ Tir u Sidon—magħrufa għall-ħażen tagħhom—sejrin jirċievu kastig **eħfef** fil-Jum tal-Ġudizzju għas-sempliċi raġuni li huma kienu mċaħħdin minn espożi-zzjoni diretta tal-messaġġ u tal-mirakli ta’ Kristu. Ilkoll kellhom ibatu l-kastig, għaliex ilkoll kienu rriġettaw il-liġi ta’ Alla. Imma dan ma jkunx kastig **egwali**. Il-kittieb ta’ l-Ittra lil-Lhud jenfasizza wkoll dan il-punt meta hu jindirizza “*l-kastig* ***aktar aħrax***” li kellu jaqa’ fuq dak li “jitfa’

taħt saqajh…" (Lhud 10:29). Innota wkoll l-istqarrija li tniggeż ta' Pietru dwar id-destin terribbli li jistenna lil dawk il-Kristjani li ma jibqgħux fidili, li jċedu:

> "*Għax jekk wara li jkunu ħelsu mill-ħmieġ tad-dinja, bil-għarfa ta' Sidna u s-Salvatur Ġesù Kristu, jergħu jinqabdu mill-ġdid, u jintrebħu,* ***l-aħħar tagħhomn ikun agħar mill-ewwel***" (2 Pietru 2:20-21; enfasi tiegħi)

Jekk l-istqarrija ta' Pietru tgħallem xi ħaġa, din tgħallem gradi ta' kastig.

Imma forsi l-aktar argument li jikkonvinċi għal ħsieb ta' gradi ta' kastig jiġi mill-parabbola ta' Ġesù tal-qaddej ħażin kif irreġistrata f'Luqa 12:42-48,

> "*U l-Mulej qal, "Min, mela, hu dak il-prokuratur fidil u għaqli, li sidu jqiegħdu fuq in-nies tad-dar, biex jagħtihom f'waqtu sehemhom ta' l-ikel? Imbierek dak il-qaddej, li x'ħin jiġi sidu jsibu jagħmel hekk. Tassew ngħidilkom, li jqiegħdu fuq kulma għandu. Iżda u jekk dak il-qaddej igħid f'qalbu: Jiddawwar sidi ma jiġi; u jibda jsawwat lill-qaddejja rġiel u nisa, u jiekol u jixrob, u jisker; Sid dak il-qaddej jiġi f'jum li ma kienx jistennieh, u jagħtih sehmu ma' dawk li ma jemmnux. U dak il-qaddej, li għaraf il-fehma ta' sidu, u ma hejjiex lilu nnifsu, u lanqas għamel skond ir-rieda tiegħu, jissaw-*

> *wat b'****ħafna****daqqiet. Imma dak li ma għarafx, u għamel ħwejjeġ li jistħoqqilhom id-daqqiet, jissawwat bi* ***ftit*** *daqqiet. Għax lil min tawh ħafna, ħafna jitolbu minn għandu: u lil min il-bnedmin irħewlu ħafna f'idejh, iżjed jitolbu minnu*" (enfasi miżjuda).

It-tifsira ta' l-aħħar sezzjoni ta' din il-parabbola hija li ma tistax taħrab minnha. Il-ħżiena kollha se jkunu kkastigat; iżda, dawk illimitati fl-opportunitajiet tagħhom biex jitgħallmu dwar Kristu jkunu kkastigati "b'inqas daqqiet" minn dawk li kienu jafu l-verità u ma obdewiex.

Tgħallem il-Bibbja premijiet fis-Smewwiet (Ġenna)? Iva, hija hekk tagħmel. Tgħallem il-Bibbja gradi ta' kastig fl-infern? Iva, hija hekk tagħmel ukoll. L-aħbar it-tajba, naturalment, hija li l-offerta tas-smewwiet hija miftuħa għal kulħadd (Ġwanni 3:16; Rumani 6:23). Ħadd **m'għandu** jmur l-infern. Meta Kristu ħallas b'demmu għalina (1 Timotju 2:6), Hu ħallas dejn li ma kienx Tiegħu, u dejn li aħna ma konniex nistgħu nħallsuh—biex b'hekk aħna nkunu nistgħu ngħixu għal dejjem fil-preżenza tal-Ħallieq tagħna (Mattew 25:46). Alla ma jieħu ebda gost fil-mewt tal-ħżiena (Eżekjel 18:23; 33:11). Lanqas m'għandna aħna. Kif kittieb wieħed poġġiha: "Ebda wieħed li kien maħtuf mill-ħruq huwa nnifsu ma jista' jħoss xejn ħlief kumpassjoni u nteress għal mitlufin" (Woodson, 1973, p. 32). Kif aħna niskopru n-natura kerha tad-dnub, aħna mhux biss għandna nkunu nixtiequ li nsalvaw lilna nfusna "minn dan in-nisel ħażin" (Atti

2:40), imma aħna wkoll għandna nkunu appassjonati dwar li nwissu lill-ħżiena dwar il-kundanna li hemm tistennihom (Eżekjel 3:17-19). (Alden Bass, Kyle Butt, u Bert Thompson.

**Riferenzi**

Boles, H. Leo (1952), *A Commentary on the Gospel According to Matthew* (Nashville, TN: Gospel Advocate).

Clarke, Adam, *Clarke's Commentary* (New York: Abingdon-Cokesbury).

Coffman, Burton (1974), *Commentary on the Gospel of Matthew* (Abilene, Texas: ACU Press).

Kurfees, M.C., ed. (1921, *Questions and Answers by Lipscomb and Sewell* (Nashville, TN: McQuiddy).

Lensky, R.C.H. (1943), *The Interpretation of St. Matthew's Gospel* (Minneapolis, MN: Augsburg).

Thompson, Bert (1999), *My Sovereign, My Sin, My Salvation* (Montgomery, AL: Apologetics Press).

Thompson, Bert (2000a), "*Reason and Revelation,* 20:33-39, May.

Thompson, Bert (2000b), "The Origin, Nature, and Destiny of the Soul—Part IV, "*Reason and Revelation,* 20:41-47, June.

Thompson, Bert (2000c), "The Origin, Nature, and Destiny of the Soul—Part V, "*Reason and Revelation,* 20:49-55, July.

Woods, Guy N. (1976), *Questions and Answers* (Henderson, TN: Freed-Hardeman University).

Woods, Guy N. (1980), "Editorial Note" accompanying an article by Cecil N. Wright, "Are There Degrees of Reward and Punishment in Eternity," *Gospel Advocate*, 122:531-532, August 21.

Woodson, Leslie (1973), *Hell and Salvation* (Old Tap-pan, NJ: Revell).

Wright, Cecil N. (1980), "Are There Degrees of Reward and Punishment in Eternity," *Gospel Advocate*, 122:531-532, August 21.

Apologetics Press
230 Landmark Drive
Montgomery, Alabama 36117
U.S.A
http://www.ApologeticsPress.org

Aħna, bħala Kristjani tat-Testment il-Ġdid, dejjem lesti li ngħinuk bl-aħjar mod li nistgħu biex "*tagħraf il-verità li tista' teħilsek*" (Ġwanni 8:31-32).

Għal aktar informazzjoni jew għall-kors tal-Bibbja bil-korrispondenza bla ħlas ikteb lill:

Knisja Ta' Kristu
Flat 1, Polytechnic Flats,
Ġużè Debono Square,
Msida MSD 10
Malta

Ħin tal-Laqgħat:
Il-Ħadd – 10.30 a.m.
L-Erbgħa: 7.00 p.m.

www.churchofchristmalta.com
E-mail: info@churchofchristmalta.com